Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, il-5 ta' Dicembru 2023**

**Distrett tal-Hamrun**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Robert Vella)**

**Versus**

**Curtis Bakoush**
**(340689M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Curtis Bakoush**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 340689M.

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Mejju, 2019 ghall-habta tas-6:45 ta' filghaxija, minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala 'Convenience Shop' sitwat gewwa Triq il-Kbira, San Guzepp, Santa Venera :

1. Ikkommetta serq ta' oggetti (pakketti tat-tabakk) ghad-dannu ta' Andrew Attard u/jew ta' persuna jew persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu nhar il-15 ta' Gunju, 2016 mill-Qrati ta' Malta (Magistrat Dr A. Micallef Trigona LL.D.) u dan bi ksur tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, tqis lil imputat bhala li sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija

lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2023, irregistra ammissjoni ghall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Rat illi fl-istess seduta il-partijiet infurmaw lill-Qorti rigward it-tieni (2) akkuza li llum din hija *res judicata* stante li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Jannar 2021.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet rigward il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-ewwel (1) akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel (1) akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi rigward it-**tieni (2) akkuza**, il-Qorti **ser tastjeni** milli tkompli tiehu konjizzjoni taghha stante li din hija ***res judicata*.**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 49, 50, 284, 285 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil **imputat Curtis Bakoush hati ta' l-ewwel (1) akkuza** migjuba fil-konfront tieghu u qed **tikkundannah ghal xahar u nofs prigunerija effettiva.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**